MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1049/1999/1

**Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentenza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta` assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Grixti u b'nota tal-11 ta' Novembru 1999 s-socjeta` GasanMamo Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta` asskuratrici estera CGU Insurance plc gia` General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Gasan Insurance Agency Limited *nomine*.**

**vs.**

**Kevin Pace.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Mejju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-8 ta' Novembru 1997 fil-limiti ta' M'Skala waqt li l-konvenut Kevin Pace kien qed isuq il-vettura numru LAG - 718 habat mal-vettura numru BAC - 705, proprjieta` tal-assikurat tal-attur, Alfred Grixti u misjuqa minnu.

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut, u dan minhabba negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura tal-assikurat tal-attur garbet hsarat konsiderevoli, tant illi giet dikjarata '*beyond economic repair*' u l-valur taghha qabel l-incident gie stabbilit bejn Lm3,200.00 u Lm3,500.00 din kif jidher mis-*Survey Report* hawn anness u mmarkat bhala Dok. "JC".

Illi meta gara l-incident in kwistjoni l-vettura numru BAC - 715 kienet assikurat *comprehensive* b'valur ta' tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500.00) u billi saret *claim* minn Alfred Grixti, l-assikurazzjoni halset lill-assikurat taghha s-somma ta' tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500), *oltre* dan l-ammont l-assikurazzjoni halset ukoll ghas-*syrvey report*, ghal *consult* legali u ghar-Rapport tal-Pulizija – u b'kollox l-assikurazzjoni halset is-somma ta' tliet elef, hames mija u tlettin Lira Maltin (Lm3,530) .

Illi l-konvenut interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur *nomine* b'rizultat tal-incident imsemmi baqa' inadempienti kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta’ M’Skala fit-8 ta’ Novembru 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici b’rizultat ta’ dan l-incident fl-ammont ta’ tliet elef hames mija u tletin Liri Maltin (Lm3530.00) jew somma ohra verjuri u jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ ittra legali tal-4 ta’ Marzu 1998 kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa mharrek ghas-subizzjoni, u ghall-ispejjez ta’ ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-11 ta’ Novembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 3 ta’ Settembru 1999 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. L-ewwel talba tal-attur noe ghandha tkun michuda *stante* li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta’ Alfred Grixti assikurat tal-attur noe.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-attur noe ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jigi likwidat favur tieghu.

3. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, id-danni reklamati mill-attur noe huma esagerati billi kontra dak li

qed jirrizulta mir-rapport tas-*surveyor* Dok. “JC” l-attur noe ghazel li ma jimminimizzax id-danni tieghu.

4. Anke t-tielet talba tal-attur noe ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m’ghandux ikun kundannat ihallas danni.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 1999 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur *nomine* li pprezenta nota ta’ surroga. Aktar tard deher Dr. Zammit McKeon li nforma lill-Qorti li din il-kawza ghanda mertu identiku ghall-kawza “**Grixti vs Pace**” differita quddiem Onor Frank G. Camilleri ghall-31 ta’ Jannar 2000 u talab li din il-kawza tigi assenjata. Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta’ tas-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limtied in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc gia` General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Alfred Grixi pprezentata fil-11 ta’ Novembru 1999 li bih (fol 14) li biha assumiet l-atti tal-kawza fuq imsemmija bhala attur minnflok is-socjeta` Gasan Insurance Agency Limitid ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, kif isorrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Grixti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbali mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta’ April 2001 il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Mark Chetcuti biex jisma’ l-provi kollha dwar il-kaz.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2005 il-Qorti irrilevat li r-rapport tal-Perit Legali fil-kawza 2067/98/NC li qed tinstema’ kontestwalment mal-kawza 1049/99NC gie mahluf minn Dr. Mark Chetcuti llum, izda ghad jonqos li jigi mahluf mill-perit gudizzjarju Dr. Anthony Galea Debono. Dr. Louis Bianchi ghal kull buon fini irrileva illi bi hsiebu jitlob n-nomina tal-periti perizjuri fir-rapport dwar l-aspett mediku tal-istess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2008 id-difensuri ikkonfermaw li l-provi li ngabru fil-kawza 17 ghandhom jghoddu bhala provi f’ din il-kawza u d-difensuri talbu jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2009.

Rat li din il-kawza miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet Alfred Grixti vs Kevin Pace (Citaz. Nru. 2067/98/RCP) u ghalhekk tordna ghall kull effett u bon fini tal-ligi li l-provi f’din il-kawza joghddu bhala provi fil-kawza l-ohra citata u vice-versa.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha prezentati fil-kawza fuq citata fl-ismijiet Alfred Grixti vs Kevin Pace (Citaz. Nru. 2067/98/RCP).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti pprezentat fil-kawza fl-ismijiet Alfred Grixti et vs Kevin Pace” (Citaz. Nru. 2067/98/RCP).

Rat l-atti kollha pprezentati fil-kawza fuq citata u f’din il-kawza.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur Dr. Louis Bianchi datata 27 ta’ Novembru 2008

.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomibilistiku li sar fit-8 ta' Novembru 1997 fi Triq Sant Antnin, Marsaskala fejn l-Alfred Grixti assigurat tas-socjeta' attrici kien qed isuq il-vettura Subaru J10 Reg. No. BAL – 715 mid-direzzjoni ta' Marsaskala u l-konvenut li kien qed isuq il-vettura Porche Reg. No. LAG -718 gej mid-direzzjoni opposta. Illi kull parti qed tghid li l-incident sehh tort tal-parti l-ohra u allura l-ewwel ser tigi ezaminata l-punt ta' responsabilita' ta' dan l-incident.

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici bhala s-socjeta' li assigurat lill-Alfred Grixti qed tharrek lill-konvenut ghall-hlas ta' danni li hija sofriet kawza tal-istess incident, li jikkonsistu fl-ammont li hija hallset lill-assigurat taghha taht polza *comprehensive* ghall-hsara sofferti fl-istess karozza hekk assigurata ta' Alfred Grixti li kawza tal-incident giet certifikata li hija *total loss*, u spejjez relatati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li waqt li l-istess Alfred Grixti kien fil-karreggiata tieghu giet ghal fuqu u ddur il-karozza misjuqa mill-konvenut, b'dan li jirrizulta li l-istess konvenut kien tilef ghal kollox il-kontroll tal-vettura tieghu u habat mal-istess Alfred Grixti, li fil-verita' ma seta' jaghmel xejn sabiex jevita l-istess incident.

Illi jirrizulta li l-impatt kien wiehed kbir hafna u jirrizulta li fil-fatt kien il-konvenut, li proprju minhabba li kien tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, ghadda mill-karreggiata tieghu sejjer lejn Marsaskala ghall-karreggiata tal-assigurat tas-socjeta' attrici, u dan jinsab konfortat mir-rizultanzi ta'

*brakemarks* ta' karozza li jindikaw li l-karozza tal-konvenut ma' kienitx mixja ghad-dritt u li kienet qabzet minn karreggiata ghall-ohra, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina. Fil-fatt sewwa kkonstata l-perit legali dwar dan il-punt li l-pjanti juru *brakemarks* hergin mill-karreggiata li tiehu lejn Marsaskala ghall karreggiata opposta u jidher li l-karozza tal-konvenut spiccat wara dawn il-*brakemarks* mentri s-Subaru hija iktar l-isfel. Fil-fatt din il-Qorti tirreferi ghal dak indikat mill-perit legali f'paragrafi 2 u 3 ta' pagna 4 tar-relazzjoni tieghu (fol. 120 tal-process l-iehor) u thoss li din tispekkja b'mod mill-iktar car id-dinamika tal-istess incident, b'mod li jidher li l-konvenut, proprju minhabba s-sewqan traskurat u eccessiv tieghu tilef il-kontroll komplet tal-vettura tieghu, tant li din bdiet iddur (tant li l-attur iddiskriviha bhala *"spinning* lejh") u spiccat dritt fuq l-attur b'impatt b'sahhtu immens.

Illi dwar ix-xhieda ta' Rodney Galea u Cedric Bugeja li allegatament kienu wara l-konvenut meta sehh l-incident u fejn dawn allegaw li kien l-attur li qasam il-karreggiata tieghu u mar fuq il-konvenut, jirrizulta li fl-ewwel lok dan mhux sorrett mill-*brakemarks* li nstabu fuq il-post li juru proprju l-kuntrarju. Mhux biss izda jidher li l-istess xhieda taghhom mhix kredibbli anke ghaliex sahansitra jikkontradixxu lil xulxin addirittura dwar il-posizzjoni taghhom (ara para. 5 ta' pagna 4 tar-relazzjoni peritali prezentati fil-kawza l-ohra) meta sehh l-incident. Dan apparti li l-versjoni taghhom tal-istess incident wkoll ma taqbilx, specjalment dwar kif allegatament il-vettura ta' Alfred Grixti marret fuq il-karreggiata tal-konvenut u dan kif sewwa spjega l-istess perit legali fir-relazzjoni tieghu u fl-ahhar paragrafu ta' pagna 4 gja msemmija. Dwar il-mod kif l-istess xhieda saru jafu dwar l-incident din il-Qorti thoss li c-cirkostanzi huma ghal kollox suspettuzi u dwar l-istess din il-Qorti taddotta in piena l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali kif minnu espressi f'pagna 5 (fol. 121 tal-process l-iehor) tar-relazzjoni tieghu, u dan kollu jrendi l-istess xhieda ghal kollox inattendibbli. Fuq dan il-punt jinghad li dak kontenut fin-nota ta' osservazzjonijiet attrici huwa korrett in kwantu jaqbel ma' dak hawn deciz.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mill-ligi li l-incident gara b'tort esklussiv tal-konvenut, li minhabba li kien qed isuq b'mod ghal kollox traskurat, huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, hareg minn naha tieghu tat-triq, mar fuq il-karreggata l-ohra, idur fuqu nnifsu u baqa' diehel fil-karozza tal-assigurat tas-socjeta' attrici li kienet fuq in-naha taghha tat-triq, b'mod li l-impatt kien wiehed frontali u Alfred Grixti ma' seta' jaghmel xejn sabiex jevita l-istess incident.

Illi dwar id-danni reklamati mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-vettura ta' Alfred Grixti kawza tal-incident kienet *total loss* u kellha *pre-accident value* ta' Lm3,200 sa Lm3,500 (Dok. "JC" u li l-istess ammont ta' Lm3,500 thallas mis-socjeta' attrici lill assigurat taghha u barra minn dan thallsu l-ammont ta' Lm30 bhala spejjez tar-*road accident report, survey report* u xi spejjez ohra relattati li jammontaw ghal Lm30 (xhieda ta' Dr. Louis Bianchi (fol. 160 tal-process l-iehor) u peress li l-istess danni bl-ebda mod ma gew kontestati din il-Qorti thoss li gie ppruvat li d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici huma dawk fl-ammont ta €8,222.69 (Lm3,530).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li gara fil-limiti ta' M'Skala fit-8 ta' Novembru 1997 u ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici b'rizultat ta' dan l-incident fl-ammont ta' tmient elef, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€8,222.69) ekwivalenti ghal Lm3,530.00).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi likwidata ta' tmient elef, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€8,222.69) ekwivalenti ghal Lm3,530.00)).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Marzu 1998 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------